KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 481 (9-24)**

**It-Tnejn 19 ta' Jannar 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

**PREŻENTI:**

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Albert Pace (daħal għal-laqgħa fil-18.30pm)
Il-Kunsillier Charles Vassallo
Il-Kunsillier Stephanie Vassallo

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Dominic Grech

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**481.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**481.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillieri Christopher Farrugia u Dominic Grech.

**481.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti, mibgħuta qabel lill-Kunsilliera, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Is-Sindku ressaq il-Minuti tas-Seduta 480 għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**481.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti.

**481.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**481.3.1** Talba għall-installazjoni ta' Easipik Parcel Lockers mill-Maltapost

Il-Kunsill iddiskuta dwar it-talba biex jinstab post adegwat bħal ġnien, playground fejn jistgħu jiġu installati il-Parcel Lockers fil-lokalita'. Il-Kunsill jirrikonoxxi li s-servizz huwa essenzjali għall-pubbliku ġenerali, partikolarment minħabba l-għeluq reċenti tal-uffiċċji tal-posta fil-lokal u li preżentement in-nies tas-Siġġiewi jkollhom jinżlu Ħaż Żebbuġ. Ġie mitlub li qabel il-Kunsill ikompli jiddiskuti, jiġu ċċarati dawn il-punti: Min se jkun responsabbli għall-installazzjoni tal-kameras CCTV u min se jħallas l-ispejjeż relatati, min se jmexxi s-sistema CCTV, il-provvista tal-elettriku, il-konnessjoni tal-internet u l-ispejjeż kollha relatati, jekk hemm xi kumpens finanzjarju u nitolbu kopja tal-ftehim. Ġaladarba jkollna din l-informazzjoni, tkun tista' tiġi diskussa aħjar din it-talba.

**481.3.2** Kollaborazzjoni mal-Maltese Honey Bee Foundation

Is-Sindku preżenta korrispondenza mingħand il-Fondazzjoni tan-Naħla Maltija u qara l-erba' proposti riċevuti. Saret diskussjoni tal-proposti ppreżentati u kien hemm qbil kif ġej:

1. Kustodju tas-Sħubija Nazzjonali tal-Insetti

Il-Kunsill wera interess li jiddiskuti aktar dan il-proposta. Sabiex il-Kunsill ikun jista' jkompli jevalwa dan ir-rwol, intalbet kopja tat-termini u l-kundizzjonijiet relatati sabiex dawn jiġu riveduti u evalwati.

2. Tismija ta' Toroq u/jew Ġnien wara n-Naħla Maltija

Il-Kunsill ħa nota b'mod pożittiv ta' din il-proposta. Din tiġi kunsidrata bħala għażla meta fil-futur tinqala' l-ħtieġa li tissemma triq jew ġnien ġdid.

3. Reviżjoni tal-Bye-Laws Lokali dwar il-Ġestjoni tal-Veġetazzjoni Selvaġġa

Fir-rigward ta' dan il-punt, ġiet imfakkra deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali preċedenti li tistipula li f'ċerti toroq il-veġetazzjoni ma tistax titħalla mingħajr ġestjoni, peress li dan jista' jfixkel l-aċċess. Madankollu, meta jitqies li s-Siġġiewi għandu t-tielet l-ikbar żona rurali f'Malta, u li t-tindif u l-manutenzjoni jsiru skont żoni differenti, din is-sistema tgħin fil-ġestjoni tal-veġetazzjoni b'mod li jappoġġja l-pollinazzjoni.

4. Sessjonijiet ta' Informazzjoni fil-Komunità

Il-Kunsill esprima interess fl-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' informazzjoni, b'mod partikolari immirati lejn it-tfal tal-iskejjel. Dawn is-sessjonijiet jistgħu jsiru f'żoni miftuħa, u l-Kunsill hu lest li jkompli jiddiskuti dawn l-inizjattivi, b'mod speċjali bil-ħsieb li jiġu organizzati matul l-istaġun tar-rebbiegħa.

**481.3.3** Tismija ta' toroq

Is-Sindku preżenta komunikat mill-Kumitat Tismija ta' Toroq, fejn qed jiġi kjarifika l-estensjoni tat-tismija ta' Sqaq tal-Ħandaq u sqaqien oħra biswit. Hu qal li t-toroq indikati mhumiex msemmija uffiċjalment. Għalhekk, ġie propost li: t-triq immarkata biċ-ċelest fuq il-pjanta tissemma Sqaq tal-Itwat (kif indikat fil-pjanta tal-PA). Dawk immarkati oranġjo u vjola jissemmew Sqaq tal-Ħandaq 1 u 2 (kif diġà magħrufa bħala Sqaq tal-Ħandaq). L-estensjoni ta' Sqaq tal-Ħandaq tiġi adottata kif immarkata bl-aħmar fil-pjanta mibgħuta minnek.

**481.3.4** Tranġar ta' ċint f'Għar Lapsi

Is-Sindku qal li infurmat li t-tower crane ta' Għar Lapsi ser jiġi żarmat suġġett għall-maltemp. Meta jitneħħa jkunu jistgħu jiġu infurmati l-Public Works biex jitranġa iċ-ċint.

**481.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**481.4.1** Il-Kunsillier Charles Vassallo staqsa fiex wasal il-proċess ta' impjieg. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li bħalissa qegħda miftuħa s-sejħa għall-applikanti fil-lista tal-Jobsplus u tagħlaq fit-22 ta' Jannar. Wara d-data tal-għeluq, l-applikanti eliġibbli jissejħu għal interview. F'każ li ma jinstabux kandidati adatti, tintalab il-lista li jmiss ta' Jobsplus u tinfetaħ ukoll għall-pubbliku (open call).

**481.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**481.5.1** Il-Viċi Sindku qal li inħareġ l-avviż għas-sezzjonijiet kulturali. Huwa qal li ser isiru 4 sezzjonijiet darba fil-ġimgħa anke bi preparazzjoni għal Jum is-Siġġiewi. Huwa irringrazzja lill-esperti fl-istorja li ser iniedu dawn il-lezzjonijiet b'mod volontarju. Hu qal li ġiet inawgurata in-niċċa ta' San Ġwann. Issa s-sotto kumitat qed jevalwa x'ser isir din is-sena. Ħadem ukoll għall-ġabra ta' informazzjoni u data li għaddiet lil Exploremalta għal fuq l-online portal. Qed isir underground survey għall-ġwiebi mis-soprintendenza tal-Kultura SCH, fejn qed jiġu identifikati żewġ ġibjuni taħt il-Pjazza. Mill-ġimgħa d-dieħla jibdew il-preparamenti għas-Serata ta' Jum is-Siġġiewi fejn hu maħsub li jintwerew il-filmati kulturali li inġibdu taħt l-iskema tal-GAL. Il-Viċi Sindku informa wkoll li rċieva talba għall-għajnuna biex jiġi ppublikat ktieb dwar ġabra ta' informazzjoni fuq l-arkivji nazzjonali. Rigward dan is-Sindku qal li l-ħsieb huwa li dan il-ktieb isir pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali la darba jinstabu l-fondi tramite xi skema. Il-Viċi Sindku qal li saret laqgħa mal-Għaqda Kulturali Siġġiewi fejn qed jipproponu li jsir monument f'ġieħ it-Tabib Ċalċidon Zammit, membru u fundatur tal-għaqda kulturali u ex-kunsillier.

**481.5.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li kontinwament isegwi l-andament tat-tindif kemm rurali u anke knis. Rigward rimi illegali, u abbuż ser tiġi spustjata camera fiż-żona ta' Bur Ġabrun fejn hemm hot spot ta' rimi. Huwa qal li mill-ġimgħa d-dieħla ser jibda l-koordinament tat-tindif bi preparamenti għall-mixegħla tas-salib tal-għolja. Hu qal li fi Frar ser isir festin lill-anzjani kollha, anke dawk li ma jattendux iċ-ċentru, b'koordinament maċ-ċentri anzjanità' attiva.

**481.5.3** Il-Kunsilliera Stephanie Vassallo qalet li s-sejħa għall-Ischool Grannies ġiet estiża sal-aħħar ta' Frar. Għalissa daħlet applikazzjoni waħda biss. Hija qalet li ser issir iktar promozzjoni. Bħalissa qed jintlaqgħu il-bookings għall-kors tal-arti u krafts għat-tfal minn 4 snin -il fuq. Is-sejħa ħarġet għal erbgħa sezzjonijiet, u wara terġa tinħareġ għal erbgħa oħra. Inħareġ ukoll il-kors għall-kitba tal-Malti ġentilment mogħti mis-Sur Nikol Bezzina mingħajr ħlas. L-applikazzjoni għal-lezzjonijiet tal-Lifelong Learning intbagħtet ukoll b'għażla ta' korsijiet popolari biex isiru fiċ-ċentru ċiviku fis-sena skolastika li ġejja.

**481.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**481.6.1** Proġett Vjal Kulħadd

Is-Sindku qal li l-proġett qed jitkompla b'ritmu tajjeb, fejn waslu bis-sistema ta' storm water sar-roundabout lejn Ta' Kandja, u tlestiet ukoll il-kurduna s'hemmhekk. Hu qal li l-bankina tan-naħa tal-belvedere tlestiet u bdew il-kaxxi tad-dawl. Wasal wkoll fuq il-post il-madum biex il-ġimgħa d-dieħla jibda jitpoġġa.

**481.6.2** Proġett Reading Garden

Is-Sindku qal li x-xogħol fuq dan il-proġett miexi wkoll. Huwa stmat li jkun lest sal-ewwel kwart tas-sena. Hu qal li Project Green diġà bdew bil-preparamenti għall-ftuħ tal-ġnien. Hu propona li jkunu preżenti it-tfal tal-iskola u ssir attivita' ta' qari mill-awtur Trevor Zahra.

**481.6.3** Xogħol tal-Enemalta

Is-Sindku qal li x-xogħol miexi b'ritmu tajjeb ukoll u waslu fl-aħħar ta' Triq ta' San Niklaw u fil-bidu ta' triq ta' Lapsi. Hu qal li qed isir koordinament mad-Dar tal-Providenza bħala l-istakeholder prinċipali għal meta tingħalaq it-triq biex ikun hemm devjazzjoni.

**481.6.4** Xogħol minn Infrastructure Malta fi Triq Bur il-Kbir

Is-Sindku qal li kien hemm laqgħa bejn IM u l-kuntrattur. Minn informazzjoni, ix-xogħol ser jibda s'erba' ġimgħat oħra. Ser isir Traffic Management biex it-triq ma tkunx magħluqa totalment għat-traffiku. Dan se joħloq biex Triq Blat il-Qamar ser tkun iktar użata minn vetturi u allura tigrava is-sitwazzjoni tal-kundizzjoni ħażina. Is-Sindku qal li qed jitlob li din it-triq tingħata imqar wiċċ temporanju biex nevitaw inċidenti u ħsarat.

**481.6.5** Proġett ta' tħawwil ta' siġar fit-triq ta' Bur il-Kbir

Is-Sindku qal li l-proġett taħt skema finanzjarja tlesta. Hu qal li tħawlu fuq 20 siġra taċ-ċipress.

**481.6.6** Kappella Tal-Għolja

Is-Sindku qal li reċentement kien hemm laqgħa bejn il-Ministru konċernat u l-Isqof fejn żaru ix-xogħolijiet. Hu qal li kien jistenna li bħala kunsill inkunu mistednin għal din il-laqgħa, iżda ma konniex. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien talab laqgħa mal-Perit tal-proġett liema laqgħa għadha ma ġietx miftiehma.

**481.7** **Performance Appraisal għas-sena ta' ħidma 2025 –Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku qal li iddiskuta il-performance appraisal tas-sena ta' ħidma 2025 mas-Segretarju Eżekuttiv u jipproponi li tingħata l-10% mill-Kunsill Lokali. Hu qal li dan ir-rapport jiġi evalwat ukoll mid-DLG fejn jingħata sa massimu ta' 5% oħra. Il-Kunsill unanimament approva li jingħata 10% kif propost mis-Sindku.

**481.8** **Ċirkulari AKL 2026/001 - Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2026 – Tiġdid**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kif diġà rċevew bl-email, il-polza tas-saħħa ser tiskadi u talbet biex din tiġġedded. Il-membri tal-Kunsill inkluż staff huma koperti mill-kunsill u min jixtieq jinkludi dipendenti għandu jinforma l-amministrazzjoni mill-iktar fis u jgħaddi l-pagament. Il-Kunsill unanimament qabel.

**481.9** **Proposta għall-Proġett tal-Belvedere (Walkway) f'Għar Lapsi u xogħolijiet oħra**

Is-Sindku preżenta pjanta għall-proġett propost ta' belvedere f'Għar lapsi, mir-reverse osmosis sal-lattrina. Hu ta' spjega ta' pjan li qed jiġi propost u talab li ssir laqgħa mal-Ministru Ian Borg. Is-Sindku irringrazzja lill-kunsillier Albert Pace tal-koordinament u l-koperazzjoni biex il-bajja ta' Għar Lapsi tkun dejjem aħjar.

481.10 **Jum is-Siġġiewi 2026 – Nominazzjonijiet**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tressaq in-nominazzjonijiet riċevuti.
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet in-nominazzjoni kif riċevuti.

Mons. Paul Carmel Vella – Onorefiċjenza 2026

- Eko-Skola – Mertu fil-qasam tal-Edukazzjoni
- Leonard Callus – Mertu fil-Ġurnaliżmu
- Il-Missjunarji Siġġiwin tul is-Snin – Mertu fil-Qasam Soċjo-Reliġjuż
- Joseph (Beppe) Farrugia – Mertu għas-Sens Ċiviku
- L-aħwa Nicholas u Joseph Camilleri – Mertu fil-Volontarjat
- Noel Attard – Mertu fil-Kultura

Ġie propost ukoll li jingħata rikonoxximent lil:

- Maria Muscat għal snin twal ta' servizz fil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi
- Salvu Attard (Attrans Commercials Ltd.) għall-għajnuna li dejjem offra għal Mixgħela u attivitajiet oħra
- John Scicluna u Elton Baldacchino, il-moħħ wara l-'end of year race' b'risq id-Dar tal-Providenza
- Membri tal-Kunsill Lokali tat-Tfal (RIGHTS) għall-impenn tagħhom fil-komunita' minn eta' żgħira

Is-Sindku talab konferma għall-ismijiet kif proposti. Il-Kunsill unanimament qabel.

481.11 **Workshop – Doctors for Road Safety organizzat mis-Sotto Kumitat Edukazzjoni**

Is-Sindku talab lill-Kunsillier Stephanie Vassallo tispjega. Il-Kunsilliera qalet li din hija attivita' għal madwar 50 tifel u tifla mill-iskola tal-lokal fejn ser issir sezzjoni ta' edukazzjoni fuq it-traffiku mid-Doctors for Road safety fil-ġnien ta' Triq Salvu Borg Olivier fejn hemm is-simulation area. Fl-attivita' wkoll ser isir taħwil ta' ammont ta' siġar f'koordinament ma' Ambjent Malta fejn ser ikollhom ukoll attivita' ta' Crafts u anka taħwil ta' pjanti mat-tfal. Hija qalet li qed issir koordinazzjoni biex ikollna ambulanza fil-post fejn it-tfal jistgħu jagħmlu interaction, u ser ikunu preżenti wkoll il-pulizija tal-komunita'.

481.12 **Sezzjonijiet relatati mal-istorja tas-Siġġiewi organizzati mis-Sotto Kumitat Kultura**

Is-Sindku talab lil-Viċi Sindku jispjega. Il-Viċi Sindku informa li fi Frar ser jibdew 4 taħditiet storiċi fuq is-Siġġiewi u s-Siġġiwin. Dawn ser isiru minn esperti fuq bażi volontarja u ser ikunu mingħajr ħlas għal min jattendi. Il-Viċi Sindku qal li is-sezzjonijiet ser ikunu hekk:

Fil-5 ta' Frar – Bombi, Biedja u Black Market. Is-Siġġiewi matul il-Gwerra – James Baldacchino
Fit-12 ta' Frar – Skejjel u Edukazzjoni fis-Siġġiewi matul l-aħħar 150 sena – Prof. George Cassar
Fid-19 ta' Frar – Karmenu Vassallo u s-Siġġiewi – Marcel Zammit Marmara'
Fil-25 ta' Frar – Kursara mis-Siġġiewi – Russi, Arġentiera u Platt Għaġin – Liam Gauci

Hu rringrazzja lis-Sotto Kumitat Kultura għall-ħidma tagħhom biex dawn setgħu isiru.

481.13 **Attivita' - Mixgħela Ħamis ix-Xirka 2026**

Is-Sindku qal li bdiet l-organizzazzjoni tal-attivita' tal-mixgħela fit-2 ta' April. Hu qal li peress li x-xogħol fil-kappella għadu għaddej, l-attivita' ħa tinżamm bħas-sena l-oħra. Hu qal li fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa mal-għaqdiet involuti Banda San Nikola, il-Grupp tal-Armar u l-Għaqda tan-Nar, kif ukoll l-arċipriet u l-pulizija. Is-Sindku għamilha ċara li l-infiq għall-għaqdiet ser ikun mhux iktar mis-sena l-oħra.

**481.14** **Talbiet għal ħsarat**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat żewġ claims għal ħsarat fuq vetturi marbuta ma' ħofra f'Triq l-Imqabba. L-ewwel claim kien għal €200 (Ref: LCS41/25), filwaqt li t-tieni kien għal €513.59 (Ref: LCS513.59) u jinkludi ħsarat, survey u dokumentazzjoni ritratt li turi l-istess ħofra fiż-żewġ każijiet. Is-Sindku enfasizza il-Kunsill Lokali huwa responsabbli għall-manutenzjoni tat-toroq u, anke f'dan il-każ, it-tiswija saret immedjatament wara li l-Kunsill sar jaf li hemm il-ħofra. Iżda, fejn ikun hemm toroq bħal din partikolari li tintuża minn ammont ta' trakkijiet u inġenji u allura l-ħsara fiha tkun straordinarja, irid ikun hemm intervent tal-entitajiet tal-gvern biex din tinżamm fi stat tajjeb. Wara diskussjoni, ġie nnutat li hemm bżonn ta' linja gwida legali u professjonali dwar kif il-Kunsill għandu jimxi f'każijiet ta' claims għal ħsarat fuq vetturi, speċjalment rigward kif jistabbilixxu l-ispejjeż reali meta l-assikurazzjoni ta' public liability ma tkoprix jekk ma kienx hemm pulizija jew xhieda fuq il-post. Sar qbil li l-Kunsill ifittex parir legali professjonali u jikkonsulta kunsilli oħra biex jara kif qed jimxu fuq każijiet simili, b'mod li jiġi stabbilit proċess ċar u uniformi għall-indirizzar ta' claims.

**481.15** **Approvazzjoni ta' skema finanzjarja SPI/SCI/5/2025 - Karnival 2026**

Is-Sindku informa li l-applikazzjoni għall-iskema tal-Karnival kienet eliġibbli u l-Kunsill tas-Siġġiewi ser jingħata €5000 mis-Segretarjat għall-Gvern Lokali biex tittella l-attivita'. Hu qal li din ser issir b'koordinament mal-Ħbieb tad-Dar tal-Providenza nhar il-Ħadd 15 ta' Frar 2026 filgħodu u ser tkun festa ta' divertiment, kultura, tradizzjoni, mużika u integrazzjoni bil-parteċipazzjoni tar-residenti tad-Dar tal-Providenza. Hu qal li l-qliegħ mill-attivita' ser imur għad-Dar tal-Providenza.

**481.16** **Approvazzjoni ta' proġett EU Erasmus+ 2025-3-MT01-LA152-YOU-00379542 'MindCraft – Youth & AI in Action'**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li proġett sottomess fil-programm Erasmus+ ġie magħżul bi 80 punt. Dan jinvolvi laqgħa ta' 6 pajjiżi (Italja, Portugall, Bulgarija, Spanja, Ungerija u Malta fis-Siġġiewi fejn b'attivitajiet kuturali, taħdidiet minn esperti u workshops ser jiġi diskuss is-suġġett tal-AI, teknoloġija u sostenibilta'. Il-proġett għandu jiġi implimentat din is-sena u l-fondi eliġibbli huma €31,870 biex ikopru l-proġett.

**481.6.2** Proġett CERV Greenmove

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier Christopher Farrugia ser ikun qed jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi fl-attività li jmiss fil-Greċja.

**481.6.3** Proġett CERV Echogreen

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Albert Pace u Charles Vassallo u membru mill-istaff ser jattendu għar-raba event fil-Portugall.

**481.17** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**481.17.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**481.17.2** Is-Sindku iddikjara konflitt fl-applikazzjonijiet: PA3389/24, PA8053/25, PA8146/25, PA3715/25 u PA8584/24.

**481.18** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**481.19** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**481.20** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**481.21** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**481.21.1** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li qed isegwi l-ġbir ta' skart goff fejn qed ikun hemm ammont ta' nies li ma joħorġux l-items li jkunu bbukkjaw. Dan jirriżulta li l-kunsill xorta jkun ħallas tas-servizz. Hu talab li jkollu rapport ta' kemm qed ikun hemm minn dawn il-każijiet.

**481.21.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo fakkar biex titneħħa il-motor cycle bay fi Triq l-Iskola kif deċiż fl-aħħar seduta u l-Kunsillier Albert Pace fakkar ukoll biex jitwalu d-double yellow lines ħdejn id-drive-in fi Triq l-Iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li qegħdin fil-lista tax-xogħolijiet.

**481.21.3** Is-Sindku qal li wara diversi rapporti ta' pparkjar li kien qed jagħlaq il-karreġġata fi Triq l-Imdina, anka fuq proposta mill-pulizija biex isir single line tul it-triq kollha in-naħa tal-karreġġata u double yellow lines fil-kantunieri kif tippermetti il-liġi.

**481.21.4** Il-Kunsillier Charles Vassallo ġibed l-attenzjoni fuq passaġġ fil-ġnien ta' Ramija biex is-soft area tiġi mantenuta mill-kuntrattur tal-kunsill għax kull darba tinqabeż.

**481.21.5** Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-problema tad-drenaġġ li joskula mill-Binja Silvio Parnis għat-triq. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tibgħat kopja tal-korrispondenza kollha li għaddejja mal-awtoritajiet tas-saħħa rigward din il-kwistjoni ħalli l-kunsilliera jkunu infurmati.

**481.22** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**
Il-laqgħa intemmet fit-8.40 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 16 ta' Frar 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 16 ta' Frar 2026

| | |
|---|---|
| Il-Perit Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |